# KUMITAT REGJONALI XLOKK

IL-BELT VALLETTA (CITTA' UMILISSIMA), IL-BIRGU (CITTA' VITTORIOSA), L-ISLA (CITTA' INVICTA), BORMLA (CITTA' COSPICUA), HAZ-ZABBAR (CITTA' HOMPESCH), IZ-ZEJTUN (CITTA' BELAND),IL-FGURA, FLORIANA, IL-KALKARA, MARSA, MARSASKALA, MARSAXLOKK, PAOLA, HAL TARXIEN, IX-XGHAJRA.

## Minuti tal-Laqgha Nru. 40 / 2013

Data u hin

Il-Laqgha Nru 40/2013 tal-Ewwel Amministrazzjoni
saret it-Tlieta, 8 ta' Jannar fis-6.00pm
fl-Ufficcju Amministrattiv ta' Regjun Xlokk
f' 97 Triq Santa Marija, Tarxien.

Attendenza

**Prezenti ghal-laqgha :**

| | |
|---|---|
| Chev. Paul Farrugia | President, Sindku Tarxien |
| Is-Sur Lorry Attard | Kunsillier Birgu |
| Is-Sur Joe Scerri | Sindku Bormla |
| Is-Sur Dominic Agius | Sindku Zabbar |
| Is-Sur Nigel Holland | Sindku Floriana |
| Is-Sur Mario Calleja | Sindku M'Scala |
| Is-Sur Carmelo Bugeja | V/Sindku M'Xlokk |
| Il-Perit Roderick Spiteri | Sindku Paola |
| Is-Sinj. M'Lourdes Lautier | Segretarju Ezekuttiv |

**Skuzati :**
Sindku Valletta
Sindku Isla
Sindku Fgura
Sindku Zejtun
Sindku Kalkara

**Assenti:**
Sindku Xghajra
Sindku Marsa

Il-President, Chev. Paul Farrugia, qal it-talba u ppresieda l-laqgha li bdiet fis-6.20pm.

40.1 **<u>Qari u Approvazzjoni tal-Minuti</u>**

Peress li l-Minuti tal-Laqgħa Nru. 38/2012 mizmuma 20 ta' Novembru, 2012 u dawk tal-Laqgħa Nru. 39/2012 mizmuma 27 ta' Novembru, 2012, kienu ġew iċċirkolati minn qabel, il-President staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija, u talab l-approvazzjoni tal-Kumitat.
Il-Kumitat approva l-minuti, liema minuti ġew iffirmati mill-President u mis-Segretarju Eżekuttiv.

40.2 **<u>Korrispondenza</u>**

40.2.1 Intbaghtet korrispondenza eletronika lis-Sindki dwar :-

a) Laqgha ta' konsultazzjoni : Emendi ghad-Direttiva dwar l-Istudju tal-Impatt Ambjentali;

40.2.2 b) 8th Forum of the World Alliance of Cities Against Poverty (WACAP).

40.2.3 **Knock-Out Football Tourament – Tazza Regjun Xlokk**
Kien hemm konkorrenza tajba ghal din l-inizjattiva – pero' minhabba s-sitwazzjoni politika prezenti, ghalissa din l-inizjattiva set tithalla ghal aktar tard matul is-sena.

40.2.4 **Emergency Response & Rescue Corps**
Kien hemm konkorrenza fqira ghal din l-inizjattiva tant li zewg Kunsilli biss irrispondew. Ghalhekk, ghalissa, ir-Regjun mhux ser jiehu inizjattiva fuq din.

40.2.5 **Allegazzjonijiet fuq it-thaddim tas-sistema tal-Infurzar Lokali** Allegazzjonijiet Mill-Monitoring Unit
Fis-27 ta' Novembru 2012, ir-Regjun ircieva korrispondenza mid-Dipartiment (DLG) fejn informa lir-Regjun li d-Dipartiment kien irċieva numru ta' allegazzjonijiet relatati mat-tħaddim tas-sistema tal-Infurzar Lokali fejn staqsa :

- x'inhu l-ammont (fix-xahar) imħallas lil TOAD Managment Services Limited għas-servizz provdut minnhom;
- tikkonferma jekk hux minnu li l-kuntratt li abbażi tiegħu huma ingaġġati u qed jitħallsu TOAD managment services Limited hux skadut, u jekk iva kemm ilu skadut;
- huwiex minnu li l-Kumitat Reġjonali (fil-mument li ma baqax Kumitat Konġunt) assorba l-istess kuntratt li l-Kumitat Konġunt kellu mal TOAD Management Services Limited mingħajr ma ħareġ sejħa għall-offerti u jekk huwiex ukoll minnu li dan l-istess kuntratt li ġie assorbit ilux madwar ħdax-il xahar skadut;
- huwiex minnu li l-kumpannija Relos Services Limited ingħatat permezz ta' direct order servizz ta' skrivani minħabba l-fatt li il-kuntratti relatati ilhom skaduti ghal diversi xhur;

Il-Kumitat Regjonalli Xlokk irrisponda li ma' ghandux relazzjoni kuntratwali mal-kumpanija TOAD Management Services Ltd, ghalhekk ma kienx f' pozizzjoni li jwiegeb ghall-ewwel tlett allegazzjonijiet.
Dwar ir-raba' allegazzjoni, filwaqt li saret riferenza ghall-Memo 78/2011 (Sistema ta' Infurzar ta' Kuntratti [LES]), semma li ghaddiet aktar minn sena ta' korrispondenza, direzzjonijiet u/jew laqghat, kemm mad-Dipartiment, kemm mal-ETC kif ukoll l-intervent tal-President (LCA) dwar l-integrazzjoni tal-haddiema tat-Tribunali.
Saret referenza partikolari ghall-laqgha mizmuma mid-Direttur (DLG) fis-26 ta' Lulju 2012, fejn kien gie mistieden ukoll il-President (DLG), is-Sinjura Misokova u s-Segretarju Ezekuttiv. Dakinhar kien sar qbil mas-suggeriment tas-Sur Cohen (President LCA) li l-uniku soluzzjoni biex ir-Regjun ma jitlifx l-esperjenza ta' dawn il-haddiema, kienet li l-impjegati klerikali jergghu jigu ntegrati bhal ma' kienu sa snin qabel, cioe' mal-kumpanija Relos Services Ltd (kopji relattivi gew annessi) skond it-tenders ta' l-Authorised Officer (Zejtun JC u Fgura JC) u dan b' effett minn Ottubru li ghadda. Giet elenkata wkoll kopja tal-Memo 55/2000 (LES) li fost ohrajn f' para (1) issemmi li l-AO kellu jimpjega mieghu skrivani u kaxxiera bir-rata indikata fl-istess memo.

## 40.3 Punti Mqajjma

40.3.1 **LES.** LES

Ghall-laqgha tal-lum kien hemm mistiedna, l-Authorised Officers tar-Regjun pero' attenda biss is-Sur Bonavia peress li s-Sur Tonna kellu jsiefer. Sa qabel din il- AOs mistiedna fil-Laqgha

laqgha intbaghtu lis-Sindki rapporti li juru n-numru ta' citazzjonjiet mahruga f' kull lokalita' minn Pulizija, Wardens u cameras matul ix-xhur ta' Novembru u Dicembru 2012 kif ukoll rapport dwar tracking ta' Wardens ghax-xahar ta' Dicembru 2012.

40.3.1.1 Ir-Regjun ha parir legali dwar jekk jistax isir transitional agreement bejn it-tender tal-Wardens Services li ghadu in vigore u dak li suppost ghandu ser jigi iffirmat. Jirrizulta li dan mhux possibli ez. fejn issemma l- hlas ghall-uzu ta' karozzi minn Sterling Security Ltd. Dawn ser jigu diskussi mir-Regjun mal-istess kumpanija waqt meeting li hemm skedata ghada. Transitional Agreement

40.3.1.2 L-A.O. hejja tracking report tal-Wardens (Sterling Security Ltd) ghax-xahar ta' Dicembru 2012. Tracking tal-Wardens u Field Officers
Dwar l-apparat tal-Wardens in generali, r-Regjun jistenna li kull Warden u Field Officer ikollu l-apparat ghalih, li jgorru l-hin kollu mieghu u li mhux tollerabbli li f' xi hin jkun bla batterija.
Jirrizulta li hemm madwar 165 siegha mhux tracked u jekk jirrizulta li dawn mhux gustifikati, allura jsarfu f' madwar 3000 Ewro, barra l-fatt li nhaddmu 20 siegha zejda minghajr ma gew rikjesti mir-Regjun. Hemm okkazjonijiet fejn mas-2.00pm Wardens qed ikunu tracked lejn il-bazi taghhom f' Hal-Qormi.
Ir-Regjun qed jistenna li kemm il-Field Officer; kif ukoll iz-zewg ECO Wardens ikunu trackable kull hin (u li dawn l-ECO Wardens jkunu il-hin kollu flimkien).
Dawk kollha prezenti unanimament qabblu li fejn m' hemmx gustifikazzjoni accettabbli, il-hlas ma jsirx.
Il-hsieb hu li jekk :
Fejn Warden jibda 16-il minuta tard izda inqas minn 30 minuta, ikun hemm penali ta' tnaqqis ta' ½ siegha hlas;
Fejn Warden jibda 30 minuta tard, ikun hemm penali ta' tnaqqis ta' siegha hlas;
Jekk ma jkunx hemm tracking record ghall-20 minuta u li f' dan il-hin ma jkunx hemm registrati citazzjonijiet u ma jkunx hemm gustifikazzjoni, ikun hemm penali ta' tnaqqis ta' siegha hlas;

40.3.1.3 **ECO Wardens** ECO Wardens
Saret talba mill-Kunsill Lokali tal-Furjana sabiex ikollu servizz ta' ECO Wardens li ser tigi diskussa mal-Authorised Officer hekk kif jigi lura mis-safar.
Is-sistema tal-ECO Wardens mhiex trendi u ser tfalli r-Reguni.
F' Novembru nhargu biss 100 kontravenzzjoni waqt li f' Dicembru nhargu biss 22.

40.3.1.4 **Taht il-Forka – Floriana** Taht il-Forka
Wara li saret talba mis-Sindku tal-Furjana dwar il-parti tal-Furjana imsejha Taht il-Forka, Datatrak irrizolvew din it-talba biex din il-parti issa accessibbli fuq l-apparat tal-Wardens.

40.3.1.5 **Bank Guarantees ta' Tenders tal-LES** Garanziji
Wara indagini mis-Segretarju dwar Bank Guarantees (Perfomance Guarantee) tal-kuntratti li ghadhom *in vigore* irrizulta li dawn ma kienux updated.
Rigward Relos Services Ltd (AO Services) fil-kuntratt tal-Fgura hemm mis-sena 2006 sa 2011 u f' dak taz-Zejtun hemm mis-sena 2005 sa 2006.
Rigward Sterling Security Ltd fil-kuntratt tal-Fgura hemm mis-sena 2005 sa 2008 u f' dak taz-Zejtun hemm mis-sena 2006 sa 2007.
Ghalhekk gia saret kommunikazzjoni mill-Authorised Officer mal-kuntratturi biex infurmhom dwar dan.
Ghad trid ssir indagini dwar il-Tenders tal-Kumitat Kongunt tal-Belt, f' dan il-kaz wiehed irid iqies li r-Regjun qatt ma nghata d-dokumenti kollha.

40.3.1.6 **Servizz ta' Wardens matul il-Festi tal-Milied**

Servizz Tal-Wardens Matul Il-Festi

Saru talbiet sabiex il-Wardens ma jahdmux ir-rotot matul granet specifici fil-festi tal-Milied, liema talbiet gew komunikati lis-Sindki b' posta eletronika; il-maggoranza tas-Sindki qabblu li t-talbiet jigu milqugha bil-patt li s-sieghat mhux mahduma ma jigux utilizzati mir-Regjuni, sakemm ma jkunx hemm talba specifika ghalihom u li f' kull kaz irid ikun hemm l-awtorizzazjoni tar-Regjun.

40.3.1.7 **Tender Warden Services**

Tender Warden Services

L-appell prezentat minn Aurelia Enforcement Services Ltd fl-24 t' Awissu 2012 quddiem il-Public Contract Review Board sal-lum ghadu ma giex appuntat.

L-Appell Civili intavolat minn Aurelia Enforcement Ltd gie deciz mill-Imhallef Ray Pace fit-30 t' Ottubru 2012 favur ir-Regjun li kkonferma d-decizjoni appellata tal-Bord ta' Revizjoni Dwar Kuntratti Pubblici tal-4 ta' Lulju 2011 fl-ismijiet "Aurelia Enforcement Limited vs Dipartiment tal-Kunsilli Lokali, Regjun Xlokk et" (Kaz. Numru 303) ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

40.3.1.8 **Speed Cameras – Zejtun, Floriana u Zabbar**

Applikazzjonji Ghall- Speed Cameras

Is-Sindku tal-Furjana staqsa fl-liema stadju waslet l-applikazzjoni ghall-speed cameras fi Triq Sant' Anna l-Furjana u dan ghaliex ftit jiem qabel kien reggha sehh incident kwazi fatali f' din ilt-triq.

Sal-lum ma kienx hemm feedback minn Transport Malta dwar dawn l-applikazzjonijiet u ghalhekk ghandha terggha ssir kommunikazzjoni mal-Perit responsabbli.

40.3.1.9 **Arkivjar ta' Dokumenti**

Arkivjar

Regghet saret kommunikazzjoni mal-Avukat tad-Dipartiment (DLG) biex jittiehed parir jekk jistghux jitnehhew dokumenti li ghandhom aktar minn ghaxar snin u jinzammu biss dawk li sa dan il-perijodu ghad juru hlasijiet pendenti.

Sal-lum ghad m' hemmx risposta.

40.3.1.10 **Tender ghal Servizz ta' Prosekutur ghat-Tribunal Lokali taz-Zejtun**

Tender Prosecutor Serevices Tribunal Zejtun

Ghadu ghaddej il-process tal-agudikazzjoni tat-tender ghall-Prosekutur ghat-Tribunal taz-Zejtun peress li l-membri tal-bord tal-agudikazzjoni kellhom diversi impenji u kien difficli li jsibu granet komuni biex jiltaqghu; pero waslu fil-fazi finanzjarja finali.

40.3.1.11 **Avukat tar-Regjun**

Servizz Ta'Avukat

Gie deciz minn dawk kollha prezenti li peress li qed jippersistu appelli kontra r-Regjun relatati ma' hrug ta' tenders marbuta mal-LES, ikun ghaqli li ghalissa r-Regjun jibqa jiehu servizz legali minn Dr Joe Mifsud.

40.3.1.12 Tabelli ma' play areas - Projbit it-Tipjip

Tabelli ma' Play Areas

Bis-saħħa Memo 123/2011, Memo 9/2012 u tal- Avviż Legali 491 tal-2011 kif ukoll Press Release 2690 mahruga mid-DOI fis-6 ta' Dicembru 2012- Aktar Inizjattivi biex it-Tfal jilghabu u Jikbru b'Sahhithom - Projbizzjoni tat-Tipjip fil-Playgrounds, li gie fis-seħħ fl-10 ta' Diċembru, 2012 u tibqa' għaddejja għal 6 xhur, il-Gwardjani Lokali ġew awtorizzati li joperaw bħala pajżana biex jinfurzaw il-projbizzjoni tat-tipjip fi play areas.

Bażikament, is-sistema tikkonsisti fil-ħruġ ta' mhux iktar minn żewġ (2) Warning Tickets lil dawk il-persuni li, waqt li l-kampanja edukattiva tkun għada fis-seħħ (sitt xhur), jabbużaw mill-provvedimenti tal-Avviż Legali 493 tal-2011. Wara t-tieni Warning Ticket, japplika t-ticket normali

(Avviż ta' Kontravvenzjoni) għal dawk li jerġgħu jabbużaw mill-projbizzjoni. Dawn jirċievu separatament nota ta' twissija dwar il-konsegwenzi ta' abbuż persistenti meta jingħataw it-tieni ticket. Il-*Warning Tickets* ma jikkwalifikawx għall-petizzjoni quddiem il-Bord dwar il-Petizzjonijiet imwaqqaf bir-Regolamenti Dwar il-Petizzjonijiet quddiem it-Tribunali Lokali (L.S. 291.04) u kull *Warning Ticket* maħruġ skont din l-iskema ikun irreġistrat fis-sistema.

Ghalhekk, l-Authorised Officer ricentement rega' spezzjona play areas tar-Regjun biex jara li kull Kunsill kien implimenta s-sinjali kif rikjesti bil-ligi.

Irrizulta li l-magoranza tal-Kunsilli Lokali kellhom is-sinjali skond il-ligi, pero' :-

Il-Kunsill Lokali tax-Xghajra ghad ghandhu kwistjoni mal-Gvern centrali dwar il-playing field;

Il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk qed jirrenova il-playing ta' hdejn il-Hunters' Tower izda s' issa ma nplimentawx ir-rikomandazzjonijiet li kien ta l-AO ghall-playing fields l-ohra;

Il-Kunsilli Lokali tal-Birgu, Paola (Triq San Alwigi) u z-Zejtun s' issa ma nplimentawx ir-rikomandazzjoni li kienu nghataw mill-istess AO;

Is-Sindku ta' Bormla staqsa x' ser isir fil-kaz tal-gnien pubbliku f' Bormla – Gnien Cottoner li jaqa' that ir-responsabilita' tal-Gvern centrali fejn hemm bandli mkissrin u m' hemmx sinjali; dawk prezenti talbu li dan il-fatt jigi a konjizzjoni tas-Sur Maurice Caruana.

40.3.1.13 **Tender Authorised Officer Services**

Tender Authorised Officer Services

Gie deciz l-appell prezentat minn Synthesis Management Services Ltd quddiem il-Public Contract Review Board fit-8 t'Ottubru 2012 (Case 441). Dan il-Bord iddecieda li l-ghazla ghandha tigi annulata u li Tender gdid jerga' johrog mill-gdid fir-Regjuni kollha barra f' Ghawdex. Ir-raguni principali kienet li harget kopja ta' dan it-Tender qabel ma gie pubblikat li setghet tat vantagg lil wiehed mit-Tenderers.

Saret laqgha mad-Direttur (DLG), is-Sur Maurice Caruana u s-Segretarji Ezekuttivi tar-Regjuni fejn gie diskuss l-ezitu tad-decizjoni tal-PCRB.

Fil-frattemp gie ntavolat Appell Civili minn TOAD Management Ltd kontra Synthesis Management Ltd u r-Regjun. Konsegwenza t' hekk Synthesis Management Ltd barra li s-sottomettiet ir-risposta, intavolat kontrotalba kontra r-Regjun. Ghalhekk l-Avukat tar-Regjun intavola risposta ghall-Appell ta' TOAD Management Ltd kif ukoll risposta ghall-kontrotalba ta' Synthesis Ltd. Din l-Appell Civil ghadu mhux appuntat.

40.3.1.14 **LTD**

LTD

Rega' kien hemm korrispondenza mal-Kunsilli Lokali Regjonali li ghadhom ma tawx lura l-flus tal-LTD li gew depozitati ghandhom izda li jappartjenu lir-Regjun. Dawn kienu l-Belt, il-Birgu, l-Kalkara, l-Marsa, Marsaskala u Paola.

Dawk li jappartjenu liz-Zejtun u Hal Tarxien ser jigu mrodda lura mil-Kumitat Kongunt taz-Zejtun.

Il-Marsa talbu li jergghu jaraw id-dokumenti, waqt li Marsascala kienu appik li jirrifonduhom. Is-Sindku ta' Paola qal li ser jirrifondihom hekk kif jircievi xi flus dovuti mill-Ewropa.

Il-President qal li ser jiehu l-passi kollha li ttiegh il-Ligi biex jirkupra dawn il-flus.

40.3.1.15 **Datatrak**

Il-Ftehim ma' Datatrak gie ffirmat u b' rizultat li Datatrak irrevedit l-ammonti li kienu Datarak

gew invoiced minn Settembru 2011 sa Novemberu 2012. Kien hemm rohs tajjeb u nghata skont ukoll kif muri fit-tabella hawn taht indikata.

| Xahar | Invoice (inkl VAT) | Invoice Riveduta (inkl VAT) | Discount applikabbli |
|---|---|---|---|
| Sep-11 | € 2,210.16 | € 1,457.49 | € 752.67 |
| Oct-11 | € 5,526.33 | € 3,717.82 | €1,808.51 |
| Nov-11 | € 9,863.20 | € 6,988.50 | € 2,874.70 |
| Dec-11 | €9,930.61 | € 7,352.67 | € 2,577.94 |
| Jan-12 | € 19,464.26 | € 15,359.12 | € 4,105.14 |
| Feb-12 | € 18,025.79 | €14,911.77 | €3,114.02 |
| Mar-12 | € 19,479.66 | € 16,755.11 | € 2,724.55 |
| Apr-12 | € 20,142.47 | € 17,486.40 | € 2,656.07 |
| May-12 | € 20,818.74 | € 18,449.77 | € 2,368.97 |
| Jun-12 | €20,023.65 | € 18,025.92 | € 1,997.73 |
| Jul-12 | € 20,012.43 | €18,143.98 | € 1,868.46 |
| Aug-12 | €15,989.60 | € 14,602.68 | € 1,386.92 |
| Sep-12 | €17,931.03 | €16,562.01 | € 1,369.02 |
| Oct-12 | €23,775.29 | €22,305.97 | € 1,469.32 |

40.4 **Affarijiet Finanzjarji**

**Hlasijiet**

40.4.1 Giet prezentata Payment Schedule u dawk prezenti approvaw il-hlasijiet indikati fl-istess *schedule*. Hlasijiet

40.4.2 Pagament li kien kwotat fl-Iskeda tal-Pagamenti tal-25 ta' Settembru 2012 (Laqgha Regjonali Nru 36) a favur tal-Kunsill Lokali tal-Pieta rigward 10% Administrative Fee gie kancellat. Pagament Kancellat

40.4.3 Segretarju Ezekuttiv infurmat lil dawk prezenti li sabiex jitnehha s-servizz tal-GO fit-Tribunal taz-Zejtun kif ukoll biex jigi terminat is-servizz tal-Enemalta rigward l-arblu li mieghu kien hemm stallat kamera fil-pjazza ta' Rahal Gdid, irid isir hlas tal-kontijiet immedjatment li jintalab dan. Dawk prezenti unanimament qabblu li jistghu jsiru dawn il-pagamenti minnufih kif ikun mehtieg. Hlas lil GO u Enemalta

40.4.4 Fid-19 ta' Novembru 2012, kien hemm talba mill-kumpanija MAZARS sabiex ikun hemm awment ta' 5% fuq ir-retainer charge biex ikopri charges tal-inflazzjoni ekwivalenti ghal €195 fis-sena u li komplessivament ir-rata annwali ssir €4089 inkluz il-VAT. MAZARS
Din it-talba giet kunsidrata u dawk prezenti qabblu unanimament li jaccedu ghal din it-talba b' effett mill-1 ta' Dicembru 2012.

40.5 **Affarijiet Ohra**

40.5.1 **Sage Software** SAGE
L-Accountant tar-Regjun gibed l-attenzjoni tas-Segretarju Ezekuttiv sabiex il-

Payment Vouchers jibedw jinhargu bis-sistema tas-Sage u mhux manwalment. Ghalhekk qed isir talba sabiex il-program tas-Sage stallat fuq il-PC tas-Segreta rju jigi trasferit fuq computer iehor li jintuzha mill-istaff li jipprepara dawn il-Payment Vouchers minghajr ma jintilef hin biex jigu preparati minn fuq il-PC tas-Segretarju. Dawk prezenti qabblu unanimament ma' din it-talba.

40.5.2 ***Appraisal Report* tas-Segretarju Ezekuttiv**

Gie prezentat *Appraisal Report* tas-Segretarju Ezekuttiv ghas-sena 2012.
Il-President talab lis-Segretarju biex tohrog sabiex dan ir-rapport seta' jigi diskuss minn dawk prezenti. Dawk prezenti qabblu unanimament mas-sugeriment tal-President li s-Segretarju Ezekuttiv tinghata *Performance Bonus* ta' 10%. Is-Segretarju Ezekuttiv irringrazzjathom.

Appraisal Report
Seg Ezek

40.5.3 **Insurance ghall-Ufficju Regjonali**

Issa li l-assi tar-Regjun zdiedu, harget sejha ghall-kwotazzjoniijiet ghall-polza ta' assikurazzjoni fl-14 ta' Novembru 2012. Il-Kwotazzjonjiet infethu fis-7 ta' Dicembru fil-prezenza tas-Sindku ta' Bormla, tal-Vici Sindku tal-Fgura u tas-Segretarju Ezekuttiv. Gew sottometti offerti minn
Omnitec Ltd (€210.20),
All Care Insurance Brokers (€181.78),
Island Insurance Brokers (€182.10) u
Smart Insurance Brokers ghal Citadel (€210.20); ghal MiddleSea (€258.15); ghal Milburn Ins. Agency – (€205.76) u ghal Atlas (€382.00).
Dawk prezenti qabblu unanimament li l-aktar kwotazzjoni vantagguza ghar-Regjun kienet dik sottomessa minn All Care Insurance Brokers (€181.78). Ghandha ssir kommunikazzjoni ma' kull min issotometta kwotazzjoni.

Insurance
Ufficju
Regjonali

40.5.4 **Airconditioner ghat-Tribunal taz-Zejtun**

L-airconditioner tal-Awla tat-Tribunal taz-Zejtun zviluppa hsara fil-motherboard il-gimgha l-ohra. It-technician qal li tant hu qadim li mhux vallapena li jissewwa u stima l-hsara ghal madwar 400Ewro. Dawk prezenti qabblu li ghandhom jinkisbu tlett kwotazzjonijiet biex jinxtara wiehed gdid.

Air Conditioner
Tribunal
Zejtun

40.6 **Għeluq tal-Laqgħa u Aggornament**

Il-Laqgħa giet fi tmiemha fit-8.30pm. Il-Laqgha li jmiss ser tinzamm il-Gimgha, 8 ta' Frar 2013, fis-6.00 pm, fil-boardroom tal-Kumitat Regjonali Xlokk.

Gheluq

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| Chev. Paul Farrugia | M' Lourdes Lautier |
| President | Segretarju Ezekuttiv |

Minuti approvati llum ________________, _______ ta'___________________2012.
(Jum) (Data) (Xahar